



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 21.12.2011
KUMM(2011) 919 finali

**RAPPORT MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

**L-ewwel rapport dwar l-impatt tar-riforma tal-2006 tal-iskema tal-miżuri speċifiċi
għall-agrikoltura fil-gżejjer minuri tal-Eġew**

RAPPORT MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

L-ewwel rapport dwar l-impatt tar-riforma tal-2006 tal-iskema tal-miżuri speċifiċi għall-agrikoltura fil-gżejjer minuri tal-Eġew

1. INTRODUZZJONI

Il-61 “gżira minuri” tal-Eġew¹ jikkostitwixxu territorju insulari frammentat ħafna li l-limiti ġeografiċi u naturali tiegħu huma sinifikanti. Is-sitwazzjoni eċċezzjonali u permanenti ta’ dawn il-gżejjer ikkaratterizzati mid-distanza, mill-insularità, miċ-ċokon, mit-topografija muntanjuża u mill-klima diffiċli hija s-sors ta’ problemi soċjoekonomiċi sinifikanti li huma d-diffikultajiet fil-provvista ta’ prodotti tal-ikel u agrikoli essenzjali għall-konsum ta’ kuljum jew għall-produzzjoni agrikola u d-diffikultà li tinżamm il-kompetittività tal-prodotti agrikoli lokali.

Minħabba l-karatteristiċi eċċezzjonali u l-limiti li jikkaratterizzawhom meta mqabblin mal-bqija tal-UE, il-gżejjer minuri tal-Eġew għalhekk jibbenefikaw minn miżuri speċifiċi li jiffavorixxu l-agrikoltura.

Dawn il-miżuri speċifiċi huma parti mill-qafas tal-Politika Agrikola Komuni (PAK) u għandhom l-għan partikolari li joħlqu kundizzjonijiet favorevoli biex din tiġi implimentata.

Skont dawn il-miżuri speċifiċi li huma supplimentari għall-implimentazzjoni tal-ewwel pilastru tal-PAK fil-Greċja, il-gżejjer minuri tal-Eġew jibbenefikaw minn skema speċifika ta’ għajjnuna għall-produzzjoni lokali u għall-provvista ta’ prodotti essenzjali, l-iskema PIME (Petites îles de la mer Egée – il-Gżejjer Żgħar tal-Eġew).

2. STORJA U ELEMENTI EWLENIN TAL-ISKEMA

Waqt il-laqgħa li saret f’Rodi fit-2 u fit-3 ta’ Diċembru 1988, il-Kunsill Ewropew irrikonoxxa l-problemi soċjoekonomiċi speċifiċi li għandhom il-gżejjer tal-Eġew u b’hekk, il-ħtieġa li jiġu implimentati miżuri li permezz tagħhom ikunu jistgħu jkunu implimentati dawn il-problemi.

B’hekk, fl-1993, permezz tar-Regolament tal-Kunsill ([KEE]) Nru 2019/93 tad-19 [ta’] Lulju 1993 li jintroduċi miżuri speċifiċi għall-Gżejjer Aegean iż-żgħar rigward ċerti prodotti agrikoli², ġew introdotti miżuri speċifiċi favur il-PIME, u dan sabiex “*jirrimedjaw [...] id-diffikultajiet ikkawżati min-natura remota u insulari tal-gżejjer Aegean iż-żgħar*” (l-Artikolu 1 tal-imsemmi Regolament).

¹ Il-lista tal-gżejjer hija inkluża fit-Tabella 7 tal-programm ta’ appoġġ għall-PIME ppreżentat mill-Greċja u approvat mill-Kummissjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1405/2006

² ĠU L 184, 27.07.1993, p.1

Fil-bidu, ir-Regolament kien jiġi implimentat b'mod limitat fir-rigward tal-“gżejjer iż-żgħar [minuri]», fis-sens ta' gżejjer b'popolazzjonijiet permanenti li ma jaqbżux il-100 000 abitant. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-miżuri speċifiċi, madankollu, ġie estiż permezz ta' emendi leġislattivi sussegwenti, b'mod partikolari permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1405/2006 tat-18 ta' Settembru 2006 li jstabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura favur il-gżejjer minuri [tal]-Eġew³, fir-rigward tal-“gżejjer minuri” mingħajr referenza demografika, jiġifieri “*kwalunkwe gżira fil-Baħar tal-Eġew ħlief għall-gżejjer ta' Kreta u Evia*” (l-Artikolu 1(2) tal-imsemmi Regolament).

L-għanijiet ewlenin tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2019/93 kienu dawn li ġejjin:

- jiġu affrontati l-problemi soċjoekonomiċi tal-PIME;
- jitnaqqsu l-iżvantaġġi naturali li jaffettwaw il-provvista (distanza, insularità u ċokon);
- jitnaqqsu l-ispejjeż tal-produzzjoni u l-prezzijiet sal-konsumatur finali;
- jingħata appoġġ lil ċerti setturi lokali (trobbija tal-bhejjem, frott u ħxejjex, kultivazzjoni taż-żebbuġ, produzzjoni tal-inbid u trobbija tan-naħal).

B'hekk, sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet, ġew stabbiliti b'dan il-mod l-istrumenti tal-iskema PIME:

- (a) arranġamenti speċifiċi ta' provvista (SSA – Specific Supply Arrangements) biex jittaffew l-ispejjeż tal-provvista ta' prodotti tal-ikel għal konsum uman, għall-ipproċessar lokali jew bħala inputs agrikoli, billi tkun prevista għajjnuna għall-provvista ta' prodotti Komunitarji, fil-limiti tal-ħtiġijiet tas-suq lokali;
- (b) miżuri ta' appoġġ għall-prodotti lokali (SLP – Support Local Production) li għandhom l-għan li jagħtu appoġġ lill-attivitajiet tradizzjonali, li jtejbju l-kwalità, li jiżviluppaw il-produzzjoni lokali skont il-ħtiġijiet tas-suq tal-PIME kif ukoll li jagħtu ħajja mill-ġdid lil ċerti attivitajiet agrikoli li f'dawn il-gżejjer jsiru b'mod tradizzjonali u naturali. Dawn il-miżuri twettqu b'mod konkret billi ngħatat għajjnuna lill-produzzjoni, lill-ipproċessar u/jew lill-kummerċjalizzazzjoni ta' dawn il-prodotti;
- (c) miżuri ta' deroga fil-qasam strutturali (derogi mid-dispożizzjonijiet li jllimitaw jew jipprojbixxu l-għoti ta' ċerta għajjnuna strutturali).

Dawn il-miżuri speċifiċi, li sussegwentement kienu suġġetti għal diversi aġġustamenti leġislattivi, għandhom bħala bażi legali l-liġi primarja li tirrigwarda l-politika agrikola komuni, jiġifieri, mill-1 ta' Diċembru 2009 u mid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, l-Artikoli 42 u 43 tat-TFUE.

³ ĠU L 265, 26.09.2006, p.1

Fl-2006, saret riforma fl-iskema PIME. Ir-Regolament tal-Kunsill ([KEE]) Nru 2019/93 tad-19 [ta'] Lulju 1993 ġie rrevokat u sostitwit bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1405/2006 tat-18 ta' Settembru 2006.

Ir-raġunijiet ewlenin għal din ir-riforma huma dawn li ġejjin:

- (1) ir-riforma tal-PAK tal-2003 (ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 dwar skemi diretti ta' appoġġ għall-bdiewa⁴), li kkaratterizzat orjentazzjoni mill-ġdid tal-PAK u fetħet it-triq għar-riforma tal-Organizzazzjoni Komuni tas-Suq (OKS) prevista mill-iskema PIME.
- (2) il-konstatazzjoni tar-riġidità li biha jiġu ġestiti l-programmi, li ma tippermettix adattament malajr la tal-bilanċi tal-provvista u lanqas tal-miżuri ta' Appoġġ għall-Produzzjoni Lokali skont il-ħtiġijiet tat-territorji kkonċernati u tostakola approċċ parteċipattiv.

Ir-riforma tal-2006 ma mmodifikatx l-għanijiet u l-istrumenti ewlenin li fuqhom hija msejsa l-iskema. L-innovazzjoni ewlenija tinsab fl-adozzjoni ta' approċċ programmatiku u fit-trasferiment lill-Istat Membru tar-responsabbiltà sabiex jiffassal programm li jkun adattat għall-ħtiġijiet lokali⁵ kif ukoll jiġi mmodifikat⁶, ġestit u żgurat il-monitoraġġ tiegħu. Din l-innovazzjoni għandha bħala għan li tintroduċi livell oġhla ta' flessibbiltà fil-ġestjoni tal-SSA kif ukoll miżuri ta' SLP u proċeduri ssimplikati sabiex dawn ikunu jistgħu jiġu mmodifikati.

Għandu jiġi nnotat li, minkejja li l-iskemi PIME u POSEI (*Programmes d'Options Spécifiques à l'Éloignement et à l'Insularité* [Programmi ta' Soluzzjonijiet Speċifiċi biex jilqgħu għall-Bogħod u l-Insularità] maħluqa għar-reġjuni ultraperiferiċi) huma simili fl-approċċ tagħhom ("miżuri speċifiċi", għanijiet, struttura) u jiġu ġestiti taħt l-istess intestaturi baġitarji, mil-lat leġiżlattiv, l-iskema PIME tiġi ttrattata separatament mill-POSEI.

Fil-fatt, b'differenza mill-iskema POSEI, li tirrappreżenta l-ekwivalenti tal-ewwel pilastru tal-PAK għar-reġjuni ultraperiferiċi f'qafas ta' derogi u speċifiku, l-iskema PIME tikkostitwixxi **suppliment (top-up)** għall-iskema ta' Pagament Uniku (SPU) li minnha jibbenefikaw il-gżejjer tal-Eġew bħall-bqija tal-Greċja, fil-qafas tal-ewwel pilastru tal-PAK u dan sabiex jiġu indirizzati l-problemi speċifiċi tal-gżejjer (ara l-Anness 2 għal ħarsa ġenerali lejn il-pagamenti abbażi tal-SPU u tal-iskema PIME).

Differenza importanti oħra qiegħda fil-fatt li filwaqt li l-iskema POSEI tibbenefika, abbażi tal-iskema tal-SSA, minn eżenzjoni tad-dazji tal-importazzjoni fuq il-prodotti li jkunu ġejjin minn pajjiżi terzi⁷, l-iskema PIME ma tibbenefikax minn dan il-mekkaniżmu ta' derogi mis-sistema doganali tal-Unjoni.

⁴ ĠU L 270, 21.10.2003, p.1

⁵ Il-programm PIME ddefinit mill-Greċja ġie approvat bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2006)6889 tat-22.12.2006 u beda jiġi implimentat mill-2007

⁶ Il-programm PIME ġie mmodifikat darbtejn bid-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni C(2009)2880 tal-21.4.2009 u C(2010)9189 tal-20.12.2010

⁷ Id-deroga fl-Artikolu 28 TFUE tistabilixxi li: "L-Unjoni tinkludi unjoni doganali li tkopri n-negozju kollu tal-merkanzija u tikkomprenedikemm l-abolizzjoni, bejn l-Istati Membri ta' dazji doganali fuq l-

Fir-riforma tal-PAK tal-2003, il-Greċja għażlet li ma teżentax ruħha mill-implimentazzjoni tal-SPU fil-PIME; b'hekk, mill-2006 l-SPU ġiet applikata fis-setturi kollha.

Madankollu, minħabba l-iskema PIME, il-gżejjer minuri jistgħu jżommu għajnuma akkoppjata li għandha l-għan li żżomm tipi speċifiċi ta' agrikoltura li huma importanti għall-protezzjoni tal-ambjent, għat-titjib tal-kwalità u għall-kummerċjalizzazzjoni.

Mingħajr din il-possibbiltà ta' akkoppjament, ikun hemm riskju sinifikanti ta' abbandun tal-kultivazzjonijiet lokali u ta' konsegwenzi negattivi fuq il-livell ekonomiku, soċjali u ambjentali (preservazzjoni tal-pajsaġġ).

Pereżempju, għas-settur taż-żejt taż-żebuga, li għandu importanza primarja għall-gżejjer, din il-possibbiltà ta' akkoppjament parzjali tippermetti li jkun evitat l-abbandun tal-kultivazzjoni tal-imsaġar taż-żebuga.

3. BAŻI LEGALI TAR-RAPPORT

L-Artikolu 17(3) tar-Regolament (KE) Nru 1405/2006 jipprovdi li *“mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2011, u sussegwentement għal kull ħames snin, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport ġenerali lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li juri l-impatt ta' l-azzjoni meħuda skont dan ir-Regolament, akkompanjat fejn applikabbli minn proposti xierqa”*.

B'mod partikolari, dan ir-rapport jikkunsidra d-dejta dwar is-swieq ikkonċernati sal-2010, l-eżekuzzjoni finanzjarja tal-programmi sas-sena finanzjarja 2011 u l-istudju mwettaq mill-konsulenti Oréade-Brèche għall-Kummissjoni dwar l-evalwazzjoni tal-miżuri implimentati skont l-iskema PIME sa mill-2001 (minn hawn 'il quddiem “l-istudju ta' evalwazzjoni”), li kien ippubblikat fi Frar 2010 u li huwa disponibbli minn dan l-indirizz: http://ec.europa.eu/agriculture/eval/reports/posei/index_fr.htm

4. L-IMPATT TAR-RIFORMA TAL-2006

4.1. Approċċ programmatiku u ta' sħubija

Kemm il-Greċja kif ukoll l-operaturi laqgħu b'mod favorevoli ż-żieda fir-responsabbiltajiet u fil-kompetenzi mitluba mill-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali fir-rigward tad-definizzjoni tal-programm kif ukoll tal-parteċipazzjoni tal-partijiet interessati fit-tfassil tal-miżuri.

B'mod partikolari, iż-żieda fil-flessibilità sabiex ikun hemm adattament gradwali tal-programm għall-ħtiġijiet lokali reali permezz ta' modifikazzjonijiet annwali intlaqgħet b'mod ferm pożittiv. Fil-fatt, meta tittieħed inkunsiderazzjoni l-fraġilità dovuta għar-riskji tas-suq u għall-kundizzjonijiet klimatiċi speċifiċi għal dawn ir-reġjuni, din il-flessibilità tippermetti li l-miżuri ta' appoġġ jiġu adattati malajr għall-

importazzjoni u l-esportazzjoni u kull piż b' effett ekwivalenti, kif ukoll l-adozzjoni ta' tariffa doganali komuni fir-relazzjonijiet tagħhom ma' pajjiżi terzi”.

ħtiġijiet reali tal-gżejjer. Mill-ewwel approvazzjoni tiegħu fl-2006, il-programm PIME ġie mmodifikat darbtejn: fl-2008 u fl-2010.

L-istudju ta' evalwazzjoni jinnota tnaqqis fil-piż amministrattiv mill-2007. Madankollu, l-awtoritajiet nazzjonali u lokali għadhom jikkunsidrawh ineffiċjenti u kumpless wisq, minħabba l-għadd ta' gżejjer kif ukoll in-nuqqas ta' persunal amministrattiv fuq ċerti gżejjer (b'mod partikolari, l-implimentazzjoni diffiċli tal-kontrolli).

Globalment, il-piż amministrattiv tal-programm PIME jibqa' wieħed konsiderevoli meta pparagunat mad-daqs finanzjarju li jirrappreżenta (b'mod partikolari l-SSA u l-kwistjoni tal-konsenji żgħar).

B'hekk, jirriżulta li l-approċċ programmatiku huwa problematiku kemm għall-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali kif ukoll għas-servizzi tal-Kummissjoni.

4.2. Arranġamenti Speċifiċi ta' Provvista (SSA)

4.2.1. Impatt ġenerali tal-SSA

L-istudju ta' evalwazzjoni juri li, fil-gżejjer kollha, l-SSA huma kkunsidrati bħala essenzjali għall-provvista, kemm mill-awtoritajiet nazzjonali u lokali kif ukoll mill-operaturi; għaldaqstant, huwa ferm important li tinżamm din l-iskema.

B'mod globali, l-SSA għandhom effett pożittiv ta' titjib fil-frekwenza u fir-regolarità tal-provvista tal-gżejjer tul is-sena kollha (fluss regolari ta' għalf) u dan minkejja l-eżistenza ta' nuqqasijiet okkażjonali marbuta mal-kapaċitajiet limitati tat-trasport u tal-istokk.

L-istudju ta' evalwazzjoni, madankollu, juri kif l-iskema hija inqas effikaċi għall-gżejjer l-iktar imbiegħda (il-gżejjer "satellita" tal-Grupp B) meta pparagunati mal-gżejjer qrib tal-kontinent (il-gżejjer tal-Grupp A).

Ġeneralment, minn mindu twettqet ir-riforma tal-2006, l-użu tal-SSA fil-PIME naqas. Din hija għażla li għamel l-Istat Membru li jillimita l-baġit tal-SSA ħalli jiffavorixxi dak tal-miżuri ta' SLP.

It-tnaqqis fl-użu tal-SSA huwa partikolarment evidenti fir-rigward tal-prodotti tal-ikel għal konsum uman (ċereali u dqiġ). Minn mindu twettqet ir-riforma tal-2006 u minn meta ġie introdott l-obbligu għall-applikant tal-ghajjnuna li jkun lokalizzat fil-PIME, ħafna mill-operaturi ż-żgħar (furnara) mhumiex qed jiksbu l-ghajjnuna, min-naħa l-waħda, minħabba l-ispiża amministrattiva kbira wisq tal-iskema tal-SSA meta pparagunat mal-benefiċċju finanzjarju miksub u, mill-oħra, minħabba nuqqas ta' informazzjoni lill-benefiċjarji.

Bl-istess mod, l-istudju ta' evalwazzjoni juri evoluzzjoni fit-tqassim tal-SSA skont id-destinazzjoni favur l-prodotti tal-ikel għal konsum mill-annimali. Hija b'hekk ir-responsabbiltà tal-Istat Membru li jirfina l-prijoritajiet tal-iskema tal-SSA billi jikkunsidra l-importanza tal-azjendi għat-trobbija tal-bhejjem fil-gżejjer.

4.2.2. *Garanzija ta' provvista ta' prodotti essenzjali*

L-istudju ta' evalwazzjoni juri li l-SSA jkopru l-ħtiġijiet tal-PIME b'mod eteroġenu kemm fuq il-livell tal-prodotti magħżula kif ukoll tal-gżejjer eliġibbli.

L-istudju jindika wkoll li l-SSA jkopru aħjar il-ħtiġijiet f'termini ta' prodotti tal-ikel għall-konsum mill-annimali meta pparagunati mal-ħtiġijiet fi prodotti tal-ikel essenzjali għall-konsum uman.

Barra minn hekk, l-SSA jkopru b'mod iktar sodisfaċenti l-ħtiġijiet tal-gżejjer l-inqas imbiegħda mill-portijiet kontinentali (il-gżejjer tal-Grupp A) meta pparagunati mal-gżejjer "satellita" l-iktar imbiegħda (ċerti gżejjer tal-Grupp B).

4.2.3. *Kumpens għall-ispejjeż addizzjonali*

L-istudju ta' evalwazzjoni jiddikkjara li, minħabba n-natura fframmentata tal-grupp ta' gżejjer, uħud minnhom huma ferm imbiegħda mill-portijiet tal-provvista. Konsegwentement, l-ispejjeż tagħhom huma ferm differenti minn gżira għall-oħra, skont kemm ikunu mbiegħda.

L-SSA b'hekk jippermettu li jiġu kkompensati l-ispejjeż addizzjonali għall-provvista tal-prodotti kollha magħżula biss għall-gżejjer tal-Grupp A.

Għall-gżejjer "satellita" mbiegħda tal-Grupp B, l-SSA jippermettu li jiġu koperti biss 50 % tal-ispejjeż, minħabba li l-ispejjeż ta' konsenja huma ferm ikbar.

4.2.4. *Trasferiment tal-benefiċċju lill-utent finali*

Mill-istudju ta' evalwazzjoni jirriżulta li dan il-benefiċċju ġie ttrasferit lill-utent finali b'mod inugwali bejn il-gruppi ta' gżejjer.

L-għajnuna tal-SSA tkopri b'mod ferm eteroġenu l-ispejjeż ta' konsenja lejn il-gżejjer, u dan għandu konsegwenzi f'termini ta' effett fuq il-prezzijiet għall-utent. B'hekk, il-benefiċċju lill-utent finali huwa ttrasferit aħjar fuq il-gżejjer tal-Grupp A u l-gżejjer l-inqas imbiegħda tal-Grupp B, meta pparagunat mal-gżejjer "satellita" tal-Grupp B.

F'termini ta' effetti fuq il-prezzijiet, mill-2007 l-SSA ppermettew li jkun hemm tnaqqis sinifikanti fil-prezzijiet tal-għalf, bil-prezzijiet jsiru simili għal dawk tal-Greċja. Fejn għandhom x'jaqsmu l-prezzijiet tal-ikel għall-konsumatur, ma kienx hemm effett globali tal-SSA.

4.2.5. *Distribuzzjoni mill-ġdid tal-prodotti pproċessati u distorsjonijiet tas-suq*

Kif tindika l-ħames premissa tar-Regolament (KE) Nru 1405/2006, il-kwantitajiet koperti mill-SSA huma limitati għall-ħtiġijiet ta' provvista tal-PIME sabiex ma jfixklux il-funzjonament tajjeb tas-suq intern u ma joħolqux tfixkil fil-kummerċ tal-prodotti kkonċernati.

Konsegwentement, id-distribuzzjoni u l-esportazzjoni ta' dawn il-prodotti mill-PIME huma pprojbiti. Madankollu, dawn jiġu awtorizzati meta l-benefiċċju li jirriżulta mill-SSA jiġi rimborsat jew, fil-każ ta' prodotti pproċessati, biex ikunu permessi l-

flussi kummerċjali reġjonali jew tradizzjonali skont l-Artikolu 5 tal-istess regolament.

L-istudju ta' evalwazzjoni juri li l-prodotti li jibbenefikaw mill-SSA fil-PIME ma jintbagħtux mill-ġdid f' destinazzjoni oħra u, konsegwentement, il-kummerċ reġjonali ma jiġix imfixkel.

Madankollu, hemm nuqqas ta' monitoraġġ fuq dan il-livell. Hija r-responsabbiltà tal-Istat Membru li jtejjeb il-monitoraġġ tal-prodotti li jidħlu u li joħorġu miż-żona ġeografika tal-PIME.

4.2.6. *Żamma u żvilupp tal-attivitajiet agrikoli*

L-SSA għandhom rwol essenzjali fil-ħarsien tal-istrutturi tal-produzzjoni lokali billi:

- isostnu l-profittabbiltà tat-trobbija lokali tal-bhejjem;
- jagħtu kontribut sabiex jinżammu l-attivitajiet tal-ifran u tal-ipproċessar taċ-ċereali (konsum mill-bniedem).

L-SSA b'hekk jippermettu tnaqqis fil-prezzijiet tal-ġhalf u konsegwentement tnaqqis fl-ispejjeż tal-produzzjoni tal-bdiewa li jrabbu l-bhejjem.

4.3. **Appoġġ għall-Produzzjoni Lokali (SLP)**

4.3.1. *Żamma u żvilupp tal-produzzjoni agrikola lokali*

Fir-rigward tal-miżuri ta' SLP, l-istudju ta' evalwazzjoni ffoka fuq tliet setturi: iż-żebbuġ, l-ġhasel u l-gomma mastika ta' Chios. Dawn huma setturi rappreżentattivi għall-PIME għaliex fihom hemm ikkonċentrati żewġ terzi tal-pakkett intiż għall-miżuri ta' SLP. Minbarra dan, l-istudju huwa limitat peress li fir-rigward ta' diversi setturi ma teżistix statistika. Hija r-responsabbiltà tal-Istat Membru li jippermetti ġbir affidabbli ta' dejta għas-setturi kollha kkonċernati mill-miżuri ta' SLP.

F'termini ta' analiżi tal-effetti tal-miżuri ta' SLP fuq il-kompetittività tat-tliet setturi studjati, l-istudju ta' evalwazzjoni juri li l-ġhajnuna għandha bħala effett li ttejjeb l-introjtu tal-azjendi agrikoli. Minn mindu twettqet ir-riforma tal-2006, il-miżuri ta' SLP b'hekk ippermettew li jinżamm l-introjtu tal-produtturi minħabba li parti mill-ispejjeż tal-produzzjoni tagħhom kienu qed jġu koperti.

L-agrikoltura tal-PIME hija waħda bbażata ħafna fuq il-familja u hija orjentata lejn konsum lokali. Barra minn hekk, din hija agrikoltura ċċentrata fuq attivitajiet tradizzjonali u prodotti ta' kwalità.

Il-miżuri ta' SLP previsti fil-qafas tal-programm PIME għandhom l-għan li japoġġjaw lill-produzzjonijiet tradizzjonali, filwaqt li jirrispettaw il-kriterji ta' kwalità, ħalli jżommu dawk l-attivitajiet ikkonsidrati bħala li għandhom rwol fundamentali fuq il-livell ekonomiku, soċjali u ambjentali.

F'kuntest fejn l-opportunitajiet ekonomiċi huma rari u l-azjendi agrikoli huma żgħar ħafna, din l-ġhajnuna tagħti kontribut sabiex jinżammu jew jingħata appoġġ lil attivitajiet li mingħajrha ma jibqgħux iktar attraenti għall-produtturi.

Meta kienet ikkunsidrata l-importanza tal-attivitajiet ta' produzzjoni tradizzjonali u tal-prodotti ta' kwalità b'valur miżjud kbir kemm fuq il-livell ekonomiku, soċjali u ambjentali (preservazzjoni tat-topografija u irrigazzjoni) kif ukoll fuq il-livell kulturali (prodotti ta' kwalità li jgħorru magħhom l-identità tal-gżejjer), il-Greċja tikkunsidra li huwa kruċjali li tinżamm l-għajnuna akkoppjata għall-produzzjoni.

Mingħajr din il-possibbiltà ta' akkoppjament parzjali, ikun hemm tabilħaqq riskju sinifikanti ta' abbandun tal-kultivazzjonijiet mill-benefiċjarji tal-programm u, b'mod partikolari, tal-attività tas-settur taż-żejt taż-żebbuġ li hija predominanti fl-agrikoltura tal-gżejjer.

5. EŻEKUZZJONI FINANZJARJA

Id-dejta dwar l-eżekuzzjoni finanzjarja tal-programm PIME mill-2007 sal-2010 (is-snin finanzjarji 2008-2011) hija inkluża fl-Anness 1.

Ħliet għall-finanzjament nazzjonali addizzjonali ta' EUR 547 000 allokati skont l-Artikolu 11 tar-Regolament 1405/2006, l-ammonti tal-programm huma 100 % ffinanzjati mill-Unjoni (l-Artikolu 12 tal-istess regolament).

Wara r-riforma tal-2006, il-Greċja għażlet li tillimita l-baġit tal-SSA (tnaqqis fil-volumi tal-prodotti li jistgħu jibbenefikaw mill-iskema) sabiex tiffavorixxi l-baġit tal-miżuri ta' SLP. Minkejja din l-għażla, jidher li l-baġit annwali tal-SSA jiġi eżegwit sew fil-PIME matul il-perjodu (rata medja ta' eżekuzzjoni: 94%).

Ċerti miżuri ta' SLP eżawrew ukoll ir-riżorsi finanzjarji allokati f'dawn l-aħħar snin. Madankollu, teżisti dejjem flessibbiltà finanzjarja b'rata medja ta' eżekuzzjoni ta' 88 %.

Is-sitwazzjoni tista' tittejjeb bid-distribuzzjoni mill-ġdid tal-baġit disponibbli bejn il-miżuri li għalihom hemm ċerta flessibbiltà.

Barra minn hekk, l-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 1405/2006 jippermetti li l-Greċja tagħti finanzjament nazzjonali addizzjonali għall-miżuri ta' SLP.

Fir-rigward tal-SSA, il-limitu massimu stabbilit fl-Artikolu 12(3) tar-Regolament 1405/2006 fuq il-bażi tal-eżekuzzjoni storika fl-2001-2003, jikkawża madankollu ċerta riġidità.

Għaldaqstant, ġie propost li dan il-limitu massimu jżjed fi spirtu ta' newtralità baġitarja sabiex tkun possibbli distribuzzjoni mill-ġdid iktar flessibbli tal-fondi bejn il-miżuri ta' SLP u ta' SSA fil-qafas tal-baġit allokati (ara l-punt 7.1).

6. AWDITJAR TAL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-ISKEMA PIME WARA L-2006

Is-servizzi ta' awditjar tal-Kummissjoni wettqu sħarriġ dwar l-approvazzjoni tal-kontijiet relatati mal-PIME fl-2007 u fl-2010.

B'mod ġenerali, is-sitwazzjonijiet stabbiliti matul dawn l-eżerċizzji ta' awditjar juru titjib meta mqabbla mas-snin ta' qabel, minkejja li ġew iddikjarati ċerti nuqqasijiet

fir-rigward tal-ghajjnuna għall-imsaġar taż-żebbuġ (eżerċizzju ta' awditjar tal-2007) u amministrattivi (eżerċizzju ta' awditjar tal-2010).

Il-konsegwenzi ta' dan l-istħarriġ huma indirizzati fil-qafas tal-proċedura ta' approvazzjoni li għaddejja bħalissa. Madankollu, għandu jiġi osservat li l-għadd ta' skemi ta' għajjnuna intiżi għal għadd kbir ta' benefiċjarji żgħar iwasslu għal spiża amministrattiva u finanzjarja li tkun ftit favorevoli meta pparagunata mal-benefiċċji li jirriżultaw.

7. PROPOSTI GĦAL TITJIB

7.1. Proposti għal emendi tal-leġiżlazzjoni tal-UE

Fid-dawl tal-evoluzzjoni tal-iskema f'dawn l-aħħar snin u tad-dħul fis-seħħ reċenti tat-Trattat ta' Lisbona, f'Diċembru 2010, il-Kummissjoni Ewropea diġà adottat abbozz għar-riformulazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1405/2006 sabiex jiġu aġġornati u ssimplifikati wħud mid-dispożizzjonijiet tiegħu u sabiex jiġu allinjati mar-rekwiżiti l-ġodda stabbiliti mit-TFUE.

B'mod partikolari, ġie propost li jiġi emendat l-Artikolu 12(3) tiegħu, sabiex jizjed l-limitu massimu annwali tal-SSA – fil-kuntest tal-allokkazzjoni finanzjarja eżistenti – b'tali mod li tkun evitata konċentrazzjoni skont id-destinazzjoni tal-pakkett irriżervat għall-SSA ħalli tkun permessa distribuzzjoni mill-ġdid iktar flessibbli tal-fondi bejn il-miżuri ta' SLP u ta' SSA mingħajr ma jitkabbar il-baġit globali. Dan għandu jagħti l-possibbiltà ta' distribuzzjoni finanzjarja mill-ġdid li tippermetti, fost l-oħrajn, li l-ispejjeż addizzjonali tal-gżejjer "satellita" jiġu koperti aħjar (ara l-punt 4.2.3).

Sabiex l-evalwazzjoni tal-implimentazzjoni tal-programm mill-Istat Membru tkun iktar fattibbli, il-Kummissjoni pproponiet li jiġi emendat l-Artikolu 17(2) tal-imsemmi regolament. Din l-emenda tirrigwarda l-posponiment mit-30 ta' Ġunju għall-31 ta' Lulju tal-iskadenza imposta għall-preżentazzjoni lill-Kummissjoni tar-rapport annwali dwar l-implimentazzjoni tal-miżuri previsti mill-programm ta' appoġġ matul is-sena ta' qabel, sabiex l-awtoritajiet Griegi jingħataw il-possibbiltà li fir-rapport jikkunsidraw l-aħħar stqarrija tal-infiq għall-miżuri ta' SLP.

Barra minn hekk, ir-riforma tal-PAK li ġiet adottata dan l-aħħar mill-Kummissjoni ma għandhiex konsegwenzi speċifiċi għall-funzjonament tal-iskema PIME.

7.2. Rakkomandazzjonijiet lill-Istat Membru

Ir-rwol tal-Greċja fl-implimentazzjoni ta' din l-iskema huwa wieħed kruċjali. Hija għandha tirrifletti dwar kif tista' **tirrimedja għan-nuqqas ta' koerenza amministrattiva** fi ħdan grupp ta' gżejjer ferm ifframmentat sabiex ikunu koperti l-ħtiġijiet tal-benefiċjarji eliġibbli kollha tal-programm u, b'hekk ikun possibbli kontroll iktar estiż tal-implimentazzjoni tal-programm (ara l-punt 4.1).

Huwa wkoll essenzjali li l-Istat Membru jistabbilixxi sistema li tista' tippermetti **għbir affidabbli tad-dejta** għas-setturi kollha kkonċernati mill-miżuri ta' SLP sabiex ikun jista' jsir monitoraġġ regolari kemm mill-amministrazzjoni nazzjonali kif ukoll mill-Kummissjoni (ara l-punt 4.3.1).

Sabiex ikun ipprevenut kull trattament inugwali bejn il-gżejjer ikkonċernati mill-programm, hija r-responsabbiltà tal-Istat Membru li **jirfina l-klassifikazzjoni tal-gżejjer** billi jikkunsidra s-sitwazzjonijiet kollha marbuta mad-distanza (insularità doppja jew aħjar tripla). Biex titkompla l-klassifikazzjoni eżistenti (Grupp A għall-gżejjer l-inqas mbiegħda, Grupp B għall-gżejjer l-iktar imbiegħda), għandu jiżdied grupp jew żewġ gruppi ta' gżejjer għall-gżejjer ferm imbiegħda (il-gżejjer satellita tal-Grupp B).

B'hekk evoluzzjoni bħal din fil-klassifikazzjoni għandha tagħti l-possibbiltà li jiġu kkunsidrati l-kostijiet ta' konsenja differenti li għandhom impatt kemm fuq il-provvista kif ukoll fuq l-iżvilupp tal-produzzjonijiet lokali. Barra minn hekk, dan għandu jwassal biex **il-ħtiġijiet ikunu koperti aħjar** u jkun hemm **impatt iktar reali fuq il-prezzijiet tal-konsumatur** (ara l-punti 4.2.2 - 4.2.4).

Billi t-tendenza osservata sa mill-2006 hija li l-SSA jitqassmu skont id-destinazzjoni (il-Greċja kienet għażlet li tiffavorixxi l-provvista ta' prodotti tal-ikel għall-konsum mill-animali), hija r-responsabbiltà tal-Istat Membru li **jirfina l-prijoritajiet tal-iskema** fejn jikkunsidra l-importanza tat-trobbija tal-bhejjem fil-gżejjer u jtejjeb il-monitoraġġ tal-prodotti li jidħlu u li joħorġu miż-żona ġeografika tal-PIME (ara l-punt 4.2.1).

Hekk kif tkun ikkunsidrata l-osservazzjoni dwar l-impatt insuffiċjenti tal-iskema fuq il-prezzijiet tal-ikel għall-konsumatur (ara l-punt 4.2.4), l-Istat Membru qed jiġi mistieden jirrifletti fuq **tqassim aħjar tal-fondi disponibbli sabiex tkun iggarantita l-effikaċja tagħhom**.

Barra minn hekk, l-Istat Membri qed jiġi mistieden jippubblika rapporti regolari abbażi tal-**indikaturi ewlenin** li ġew stabbiliti mis-servizzi tal-Kummissjoni sabiex tkun tista' ssir evalwazzjoni globali tal-evoluzzjoni tal-iskema PIME matul is-snin.

Fl-aħjar nett, għandu jiġi enfasizzat li huwa meħtieġ **approċċ parteċipattiv** min-naħa tal-partijiet kollha interessati kemm għad-definizzjoni inizjali tal-programm PIME kif ukoll għall-modifikazzjonijiet annwali tiegħu. L-**emenda prevista fl-Artikolu 34 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1914/2006** li tipposponi d-data ta' skadenza biex jiġu ppreżentati dawn il-**modifikazzjonijiet annwali** għandha tagħti iktar żmien biex jiġu kkonsultati l-operaturi kkonċernati.

8. KONKLUŻJONIJIET

Huwa kkunsidrat li, minn mindu twettqet ir-riforma tal-2006 u minn meta saret l-evoluzzjoni lejn approċċ programmatiku deċentralizzat, il-programm PIME ġie implimentat b'mod effikaċi u jilqa' b'mod sodisfaċenti għall-ħtiġijiet speċifiċi tal-PIME.

Il-programm b'hekk jiggarantixxi ż-żamma tas-setturi agrikoli tradizzjonali permezz ta' appoġġ għad-dħul tal-bdiewa kif ukoll il-provvista ta' prodotti essenzjali filwaqt li jillimita l-kostijiet addizzjonali li jirriżultaw.

Abbażi tal-analiżi disponibbli u tas-sitwazzjoni attwali, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-pakkett finanzjarju allokat lill-iskema PIME ppermetta li jintlaħqu l-għanijiet ġenerali stabbiliti għal din l-iskema.

Kemm il-Kummissjoni kif ukoll l-Istat Membru għandhom ikomplu bl-isforzi tagħhom sabiex l-implimentazzjoni tal-iskema tittejjeb kemm jista' jkun u b'mod partikolari sabiex jintlaħqu l-għanijiet li jiġu kkompensati l-ispejjeż addizzjonali tal-provvista u jinżammu l-attivitajiet tradizzjonali tal-gżejjer.

L-iskema PIME għandu wkoll ikollha bħala għanijiet essenzjali il-garanzija tal-kwalità tal-produzzjoni, iż-żamma tal-identità tal-gżejjer u l-ħarsien tal-ambjent.

ANNEX 1

EŻEKUZZJONI FINANZJARJA PIME 2007-2010 (f'EUR)⁸

	2007 (sena finanzjarja 2008)			2008 (sena finanzjarja 2009)			2009 (sena finanzjarja 2010)			2010 (sena finanzjarja 2011)		
Titlu tal-miżura	Allokazzjon i finanzjarja	Nefqa attwali	Rata ta' implimentazzjoni	Allokazzjon i finanzjarja	Nefqa attwali	Rata ta' implimentazzjoni	Allokazzjon i finanzjarja	Nefqa attwali	Rata ta' implimentazzjoni	Allokazzjon i finanzjarja	Nefqa attwali	Rata ta' implimentazzjoni
SKEMA SPEĊIFIKA TA' PROVVISATA (SSA)												
TOTAL	5 470 000	5 301 942	96.9%	5 470 000	5 056 729	92.4%	5 470 000	5 199 726	95.1%	5 470 000	5.037.774	92.13%
MIŻURI TA' APPOĠĠ GĦALL-PRODUZZJONI LOKALI (SLP)												
Pruna	63 278	11 820	18.7%	63 278	19 995	31.6%	13 278	13 200	99.4%	13 278	13 277	100.0%
Fażola/ful	74 638	69 003	92.5%	74 638	73 048	97.9%	74 638	71 185	95.4%	74 638	72 392	97.0%
Trobbija	1 194 180	1 194 180	100.0%	1 194 180	1 187 234	99.4%	1 194 180	1 177 271	98.6%	1 194 180	1 114 126	93.3%
Inbejjed	2 500 000	2 181 986	87.3%	2 500 000	1 322 109	52.9%	2 400 000	2 043 086	85.1%	2 400 000	1 194 932	79.8%
Msaġar	13 084 831	11 372 595	86.9%	13 084 831	11 200 034	85.6%	11 384 831	10 934 053	96.0%	11 384 831	10 552 028	92.7%
Patata	663 839	560 969	84.5%	663 839	471 995	71.1%	613 839	451 533	73.6%	613 839	499 776	81.4%
Cherry	11 773	8 950	76.0%	11 773	7 940	67.4%	11 773	11 761	99.9%	11 773	11 772	100.0%
Qaqoċċ	5 886	5 884	100.0%	5 886	4 153	70.6%	5 886	5 225	88.8%	5 886	5 701	96.9%
Frott taċ-	508 575	327 973	64.5%	508 575	275 556	54.2%	408 575	320 549	78.5%	408 575	288 419	70.6%
Siġra tal-	900 000	885 304	98.4%	900 000	849 821	94.4%	1 150 000	1 073 111	93.3%	1 150 000	1 045 070	90.9%
Ġobnijiet	-	-	-	-	-	-	1 750 000	1 734 350	99.1%	1 750 000	1 723 989	98.5%
SLP	19 007 000	16 618 664	87.4%	19 007 000	15 411 855	81.1%	19 007 000	17 835 324	93.1%	19 007 000	17 241 482	90.7%
PIME	24 477 000*	21 920 606	89.6%	24 477 000*	20 468 614	86.6%	24 477 000*	23 035 050	94.1%	24 477 000*	22 279 256	91.0%

* L-ammonti allokatati jinkludu EUR 547 000 f'finanzjament nazzjonali kumplimentari skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1405/2006

⁸ L-ammonti ta' implimentazzjoni finanzjarja indikati f'dan id-dokument joriġinaw mir-rapporti annwali ta' implimentazzjoni sottomessi mill-Istati Membri lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 17(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1405/2006 dwar l-RSA u l-komunikazzjonijiet dwar it-talbiet għal għajnuna eliġibbli u l-ammonti kkonċernati (Artikolu 32(2)(b) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1914/2006) għall-miżuri SLP. Dawn jikkorrispondu għan-nefġiet imwettqa għal kull miżura għas-sena ta' referenza (sena ta' implimentazzjoni) u jistgħu ma jkunux jikkorrispondu b'mod eżatt mat-totali tal-infiq irregišrat mill-Kummissjoni Ewropea għal kull sena fiskali.

ANNEX 2

Gżejjer minuri fil-Baħar Eġew: Tabella indikattiva tan-nefqa fil-kuntest tal-għajnuniet diretti previsti fil-qafas tal-ewwel pilastru tal-PAK u n-nefqa tal-programm PIME (f'EUR)

	2007 (sena finanzjarja 2008)	2008 (sena finanzjarja 2009)	2009 (sena finanzjarja 2010)
Skema ta' pagament uniku (SPU) u għajnuniet diretti oħrajn*	57 995 090	61 952 513	60 502 718
Programm PIME (miżuri SLP) **	16 618 664	15 441 855	17 835 324
Total	74 613 754	77 394 368	78 338 042
PIME/Total	22.3 %	20.0 %	22.8 %

* *L-ammont ta' nfiq fil-kuntest tal-għajnuniet previsti fil-qafas tal-iskema ta' pagament uniku (għajnuniet diżakkoppjati) + ammonti oħra ta' nfiq fil-kuntest ta' diversi għajnuniet diretti (pagamenti għal tipi speċifiċi ta' wċuħ speċifiċi u produzzjoni ta' kwalità, pagamenti tranżitorji, għajnuniet għax-xgħir, għajnuniet għal dud tal-ħarir...)*

** *L-ammont ta' nfiq fil-kuntest tal-għajnuniet diretti previsti fil-qafas tal-programm PIME (miżuri SLP)*